MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1871/2004

**Charles Grech & Company Limited**
**(C 2473)**

**Vs**

**Anthony Bezzina (655852 M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u tnejn u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm432.54c) rapprezentanti prezz ta' merci konsistenti fi prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 13 ta' Novembru, 2003, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-

ahhar invoice kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta’ Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------